SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNAX**

**14 ta' Gunju, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tal-hdax il-laqgħa tal-Kumitat.

12.1.2 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

12.1.3 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tal-hdax-il seduta kif imresssqa.*"

12.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-*Chairperson* u approvata unanimament.

12.1.5 Fir-rigward ta' minuta 11.2.3, il-Kumitat kien infurmat li l-item kien ghadu pendenti.

12.1.6 Fir-rigward ta' minuta 11.2.5, il-Kumitat kien infurmat li l-Contracts Manager ma ssottometta l-ebda rapport s'issa.

12.1.7 Fir-rigward ta' minta 11.2.6, il-Kumitat osserva li l-bankini fi Triq Antonio Schembri u Triq ir-Rundun ghadhom ma sarux.

12.1.8 Il-Kumitat kien infurmat li s-sejha ghall-offerta tal-manutenzjoni ta' Gnien GM Camillieri kienet qed issir mill-Perit u se tinhareg immedjatament.

12.1.9 Il-Membru Robet Vella Bonnici ghamel statement li hu ma jaqbilx li jinhargu tenders mill-Kumitat peress li ma jafx fejn qieghed finanzjarjament il-Kumitat.

12.1.10 Dwar minuta 11.5.2, il-Kumitat qabel li jigi notifikat l-Ufficjal Awtorizzat bil-hinijiet tas-sajf tac-*Chiswick House School* fir-rigward tas-sorveljanza taz-zona.

12.1.11 Dwar minuta 11.4.3, il-Membru Robert Vella Bonnici ghamel statement fejn semma li hu rrizenja mill-kariga tieghu minhabba l-mod kif il-Kumitat iddiskuta l-mod kif ma kinitx saret il-laqgha mal-Kap tal-Oppozizzjoni.

12.1.12 Wara diskussjoni mill-gdid fuq dan is-suggett, il-Kumitat qabel li s-Segretarju Ezekuttiv jikteb lis-Segretarjat tal-Kap tal-Oppozizzjoni.

12.1.13 Il-Kumitat sema r-riposta tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kienet tghid car li l-Kumitat ma jistax ikollu kont bankarju separat minn dak tal-Kunsill.

12.1.14 Wara diskussjoni dwar l-agir tal-Membru Robert Vella Bonnici, il-Kumitat sema li kienet se tittiehed azzjoni mill-Membru Alfred Mangion izda dan irtira bit-tama li jkun hemm apologija fir-rigward tad-diskors li ntqal fil-rispett tieghu u ta' Membri ohra tal-Kumitat.

12.1.15 Il-Membru Robert Vella Bonnici sahaq li hu ghamel referenza ghal kelma "hmieg" u li dan kien se jikteb fuq gurnal dwarhu, fejn wara li gie mistoqsi semma li dan fir-rigward ta' komunikat li l-Membru Alfred Mangion ghadda lic-Chairperson.

## 12.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

12.2.1 Il-Kumitat qabel unanimament mal-kundizzjonijiet tas-sejha ghall-offerti ghas-servizz tat-tindif tat-toroq.

12.2.2 Il-Kumitat kien infurmat li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali nhieda skema ghal Kumitati Amministrattiv fir-rigward ta' progetti specjali fiz-zona taghhom, fejn kien hemm qbil li ssir laqgha mal-Perit tal-Kunsill sabiex issir sottomissjoni sal-ahhar ta' Lulju, 2011.

12.2.3 Il-Kumitat kien infurmat li l-istemma tal-Kappara se trid tigi sottomessa sal-ahhar ta' Gunju, 2011.

**12.3 Azzjoni mehuda dwar decizjonijiet relatati ma' Transport Malta**

12.3.1 Il-Kumitat qabel mal-proposti sottomessi mill-Perit tal-Kunsill fir-rigward ta' Triq il-Huttaff u Triq il-Hida.

12.3.2 Fir-rigward tal-pendenzi l-ohra l-Kumitat qabel li jigu diskussjoni mal-Perit fil-laqgha li se ssir l-gimgha d-diehla.

12.3.3 F'dan l-istadju saret diskussjoni dwar talba sabiex tizdied skip fi Triq Wied Ghollieqa, fejn kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tigix milqugha peress li dan jista jwassal biex jizdied l-iskart.

12.3.4 Kien hemm qbil unanimu li tingieb kwotazzjoni sabiex isir tindif generali fi Triq Ghollieqa kif ukoll madwar sit mhux mibni fi Triq Sliema.

**12.4 Diskussjoni dwar emails ricevuti minn residenti fi Triq Antonio Schembri**

12.4.1 Il-Kumitat iddiskuta zewg emails li gew mibghuta minn residenti fi Triq Antonio Schembri fir-rigward tal-hidma tal-istess Kumitat u c-Chiswick House School.

12.4.2 Il-Kumitat unanimament qabel li jibghat risposta illi fir-rigward tal-iskola din hi regolata mill-permessi necessarji.

12.4.3 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.25 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ Lulju, 2011

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo<br>*Chairperson* | Adrian Mifsud<br>Agent Segretarju<br>Eżekuttiv |